MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru 181/2008

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)

vs

Charlot Sultana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 221479(M), akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Lulju 2007 jew fil-perjodu ta' qabel, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;
2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

3. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;
4. fl-istess perjodu u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Il-fatti huma ben tajjeb spjegati fl-istqarrija li rrilaxxja l-akkuzat. Hu fil-fatt anka fiha ikkonferma l-misfatt. Kompla biex jirregistra ammissjoni quddiem il-Qorti liema ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Rat ghalhekk l-Artikolu 179, 186, 187, 188, 17 tal-Kap 9 tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sitt xhur mil-lum bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabbiltajiet tieghu skont din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------